**Laqgha Numru 18/K3/2000**

## Introduzzjoni

Minuti tat-Tmintax il-Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 15 ta' Novembru 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Pierre Cordina, Carmela Attard u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-13 ta' Novembru 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Tibdil fit-Talba tal-Kunsill rigward id-Delega tad-Devoluzzjoni ta' l-Art.**

2. **Materji Ohra.**

## 1. Tibdil fit-Talba tal-Kunsill rigward id-Delega tad-Devoluzzjoni ta' l-Art..

1.1. Is-Sindku Joe Zammit beda l-laqgha billi nforma lill-Kunsilliera li din il-laqgha kienet qed issir b'urgenza fid-dawl tad-decizjoni tal-Kunsill li jaghti permess lil-operaturi ta' Bay Street biex juzaw l-ex Parade Ground bhala parking area ghall-perjodu ta' sena. Il-kelliem qal li l-operaturi wrew l-interess ukoll li l-ex parade ground jigi mmarkat b'linji biex il-parking ikun jista' jsir aktar organizzat u dan ghas-spejjez taghhom stess liema spiza tista' tlahhaq ghal madwar Lm 5,000.00. Il-kelliem informa lill-Kunsill li Bay Street ser jorganizzaw shuttle service ghall-klijenti taghhom mil-parking area sa Bay Street u lura. Is-Sindku Joe Zammit qal li fid-dawl ta' dan kollu hu kien tal-parir li l-Kunsill jitlob lill-Gvern Centrali biex din l-art tinghadda lill-Kunsill bhala parti mid-delega t'artijiet u facilitajiet tal-Gvern li jistghu jigu mmexxija mil-Kunsill li jistghu jirrendu xi tip ta' dhul finanzjarju. Il-kelliem qal li kien ta' dan il-parir minhabba l-fatt ukoll li minn indikazzjoni li harget kemm minn North Harbour Plan kif ukoll minn diskussjonijiet li kienu saru ma' l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Gorg Pullicino jirrizulta li l-Gvern kien qed jirrakomanda li c-centru tal-lokal ghandu jkun quddiem il-Knisja u ghalhekk ma jidhirx li jkun ghaqli li l-Kunsill jinvesti f'post fejn mhux ser ikun fic-centru tal-lokal.

1.2. Is-Sindku JoeZammit informa lill-Kunsill li kien talab lis-sur Mifsud Cremona, li huwa l-konsulent tal-Ministeru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali rigward id-delega tad-Devoluzzjoni t'art u propjeta' pubblika lill-Kunsilli Lokali, biex jattendi ghall-laqgha biex jigwida lill-Kunsill dwar x'ikun l-ahjar li jsir, izda minhabba mpenji ohra dan ma setax ikun prezenti.

1.3. Is-Sindku Joe Zammit ppropona sospenzjoni tar-regolamenti biex il-Kunsillier Ray Pace ikun jista' jressaq mozzjoni t'urgenza.

1.4. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

1.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.6. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona ghad-diskussjoni mozzjoni riferenza 06/2000.

1.7. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

1.8. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-ex Parade Ground huwa sit fejn jekk jigi zviluppat, dan is-sit jista' jkun lok ta' dhul finanzjarju sostanzjali ghall-Kunsill li mhux ta' minn ma jigix ikkunsidrat bis-serjeta.

1.9. Il-Kunsillier Ray Pace qal li fuq is-sit indikat, skond in-North Harbour Plan, huwa ndikat li jinbnew maisonettes inkluz garaxxijiet bhala basements. Il-kelliem qal li jkun ghaqli li progett ta' parking underground ikun jista' jsir jew bi shab mal-Gvern Centrali jew ma' l-Awtorita' tad-Djar.

1.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghandu jikkunsidra jekk l-ewwel talba tad-delega tad-devoluzzjoni ghandiex tigi rtirata jew inkella tibqa pendenti kif ukoll tizdied maghha t'talba li qed tigi diskussa skond mozzjoni 06/2000.

1.11. Il-Kunsillier Ray Pace qal li ma kienx ta' l-opinjoni li l-Kunsill jirrinunzja mil-ewwel talba tad-delega tad-devoluzzjoni.

1.12. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ghalkemm qal li jaqbel mat-talba biex l-ex Parade Ground jintuza bhala parking area fl-istes shin xtaq ikun jaf x'impatt proposta simili jista' jkollha fuq il-lokal kif ukoll li jekk finalment il-progett jirnexxi u jkun hemm influss ta' parking fit-toroq tal-lokal kif ser jaffetwa lir-residenti. Il-kelliem qal li jibza li dan jista' jkun ta' nkonvenjent lejn il-lokal stess b'decizjoni li jkun qed jiehu l-Kunsill.

1.13. Il-Kunsillier Ray Pace qal li l-Korp tal-Pulizija, is-sur Mifsud Cremona li huwa l-konsulent tal-Ministeru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali, l-Kunsilli Lokali tal-Lokalita' San Giljan u Swieqi kif ukoll il-GRTU dejjem kienu appogjaw din il-proposta minn zmien l-ewwel Kunsill.

1.14. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ghamel riferenza ghal-operturi ta' Bay Street fejn qal li dawn ghandhom ihallu post riservat ghar-residenti ta' l-akwati kif ukoll li ghadu jsi xi haga biex il-passagg li hemm mil-ex Parade Ground ghall-Triq Alamien ghandu jinghalaq ghal-access tal-vetturi.

1.15. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona l-approvazzjoin tal-Mozzjoni 06/2000. **( Ara Appendici A )**

1.16. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

1.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Materji Ohra.

2.1. Is-Sindku Joe Zammit talab li jaghmel kjarifika dwar kummenti li ghamel fil-laqghat precedenti rigward il-Gemellag. Il-kelliem qal li wara diskussjonijiet li kellu ma' l-operaturi ta' Bay Street dawn ofrew sponsor ta' Lm 2,000.00 biex il-Kunsill ikun jista' jaghmel l-ewwel mawra f'Pembrokeshire f'Wales biex ikunu jistghu jibdew id-diskussjonijiet. Il-kelliem qal li originaljament huwa kien ta' l-opinjoni li d-delegazzjoni tal-Kunsill kellha tinkludi raprezentanti tat-tlett partiti politici fil-Kunsill inkluz is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-kelliem qal li minn parir li kellu jirrizulta li n-norma titlob li d-delegazzjoni ghandha tkun maghmula mis-Sindku u l-Vici Sindku nkulz is-Segretarju Ezekuttiv. Ghal dan il-ghan informa lill-Kunsill li huwa kien ser jimxi fuq dan il-parir u jiddispjacih jekk kien hemm seta' fehem hazin l-ispirtu emozjonali tieghu precedentament. Is-Sindku qal ukoll li f'wahda mill-laqghat li jmiss ghandu jigi diskuss l-agenda u programm ghal-din il-mawra f'Wales.

2.2. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Ray Pace talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jivverifika x'tip ta' ftehiem qed isir bejn il-Kunsill Lokali Qala f'Ghawdex ma' dak li qed jirrakkomandaw li jaghmlu Gemellagg. Il-kelliem qal li kellu nformazzjoni li dan il-Kunsill kien ser jibbenefika minn xi fondi mil-Unjoni Ewropeja.

2.3. Il-Kunsillier Pierre Cordina ghamel riferenza ghal-internal memo 22/2000. Il-kelliem qal li ma kienx jaqbel li l-Kunsill jonfoq l-ammont ta' Lm 2,500.00 ghall-gemellagg minhabba l-fatt li l-Kunsill ghandu prijoritajiet ohra.

2.4. Is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsillier Cordina li l-Kunsill ma kinex ser jonfoq flus moghtija mil-Gvern Centrali ghal dan il-ghan izda l-ammont ta' Lm 2,000.00 kien gej kollu minn sponsor minn entita' privata. Il-kelliem qal li l-ammont ta' Lm 500.00 kien sar bhala provista fil-kaz li ma jinstab l-ebda sponsor.

2.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li l-aktar importanti huwa li l-messagg jasal ghand ir-residenti li l-flus li ser jintefqu huma kollha minn sponsor biex hadd ma jghid li ma sarux xi xogholijiet minflok din l-attivita'.

2.6. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jitolb il-permess tal-bord li jikkontrolla t-traffiku biex isiru zewg zebra crossings fi Triq Alamein, wahda quddiem l-Iskola Fondazzjoni San Mikiel ghal-ex Parade Ground u l-ohra quddiem l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo, biex issir talba lill-Kap ta' l-Iskola Fondazzjoni San Mikiel biex issir laqgha mal-genituri biex jigi spjegat lilhom li fejn huwa possibbli l-genituri juzaw l-ex Parade Ground biex jipparkjaw il-vetturi taghhom, titranga l-bankina li hemm fi Triq Arnhem man-naha ta' l-iskola Primarja kif ukoll li jekk ma tinstabx soluzzjoni ghall-karozzi tal-linja li jiehdu u jwasslu t-tfal ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo l-bankina fi Triq Alamein quddiem l-Iskola tigi rrangata biex ikun hemm spazju bizzejjed fejn tipparkja karozza tal-linja kif ukoll li jsiru tabelli fejn jindikaw li jistghu jipparkjaw biss karozzi tal-linja waqt il-hinijiet tad-dhul u hrug ta' l-istudenti ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo kif ukoll li minflok linji sofor doppji jsiru linji sofor singlu.

2.7. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

2.8. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.9. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Gimgha 17 ta' Novembru fil-5.30 kien ser ikollu laqgha mal-genituri li t-tfal taghhom jattendu l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo liema laqgha ser issir fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill. Il-kelliem talab lill-Kunsilliera prezenti biex min ikun jista' jattendi.

2.10. Il-Kunsillier Ray Pace ghamel riferenza ghal-ittra li dehret fis-Sunday Times miktuba mis-sur Winston J Zahra sid il-Lukanda Bay Point fejn il-kelliem rrakomanda li din l-ittra tigi mwiegba.

2.11. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsillier Ray Pace biex jiprepara twegiba ghal din l-ittra.

2.12. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha li kellu mar-residenti ta' Blokk 7 Qasam tad-Djar San Gorg. Il-kelliem qal l r-residenti lmentaw li hemm nuqqas ta' sigurta fil-blokk minhabba l-fatt li m'hemmx kancell li jimpedixxi li nies barranin jitelghu fis-sular ta' fuq fejn mhux l-ewwel darba li saru abbuzi. Il-kelliem qal li hemm bzonn ukoll li tinstab soluzzjoni ghall-problema tal-parking hdejn dan il-blokk specjalment fi tmien il-gimgha.

2.13. Il-Kunsillier Ray Pace staqsa lill-Kunsill jekk il-parker illegali li kien ikun hemm hdejn Blokk 7 Qasam tad-Djar San Gorg sallum il-gurnata ghadu jkun hemm.

2.14. Il-Laqgha ntemmet fis-7.45 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 22 ta' Novembru 2000 fil-5.30 pm.

**Joe Zammit**
**Sindku**

**Kevin Borg**
**Segretarju Ezekuttiv**